MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 1800/2004

**Citad el Insurance plc (C-113)**

**Vs**

**Mirian Tonna**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta` Settembru, 2004, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta` mija u erbgha u tmenin lira, sebgha u disghin centezmu (Lm184.97), rapprezentanti bilanc minn somma akbar rigwardanti diversi premia fuq poloz ta` assikurazzjoni mahruga favur l-istess konvenuta kif jidher minn statement anness u mmarkat Dok. SM1.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 28 ta` April, 2003 u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuta datata 8 ta` Novembru, 2005 fejn ikkontestat it-talba attrici fis-sens li allegat il-pagament ghas-saldu nhar l-10 ta` April, 2002, kif ghandu jirrizulta minn zewg dokumenti annessi ma` l-istess u mmarkati A u B.
B'rizerva tal-prezentata ta` eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali ta` l-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi skond Dok. SM1 ipprezentat mis-socjeta` attrici huma qed jitolbu hlas fuq invoice datata 10 ta` April, 2002, fuq polza deskritta bhala 501/HDO/8164. Illi din l-invoice tidher li tirreferi ghal polza ta` assikurazzjoni li nharget fuq il-vettura DEN 180 registrata fuq il-konvenuta, kif jidher mid-dokument immarkat bhala Dok. B ezebit mill-istess konvenuta. Illi l-imsemmi Dok. B ma hemmx dubbju li nhareg mis-socjeta` attrici u difatti fuqu hemm timbru ta` l-istess socjeta`. Illi naturalment la darba nhareg tali dokument minghajr ebda indikazzjoni ta` xi rizerva, wiehed ghandu jkun gustifikat li jippresumi li din il-polza tinsab imhallsa. Inoltre b'riferenza ghall-istess polza inhareg voucher, ezebit mill-konvenuta bhala Dok. A li jintitolha ghal xi beneficcji per konsegwenza tal-polza. Dr Edmind Zammit Laferla ghas-socjeta` attrici kkonferma l-awtenticita` tad-dokumenti ezebiti mill-konvenuta ghalkemm ma jaqbilx ma` l-interpretazzjoni li dawn ta` bilfors ifissru pagament. Fuq domanda tat-Tribunal, dan ix-xhud jafferma illi l-ammont indikat fuq Dok. B ma thallasx u kwindi l-polza tkun harget *on credit* pero` din tkun tidher hekk mis-sistema taghhom biss u mhux mid-dokument innifsu. Jistqarr pero` li huwa ma kienx iccekkja ma` Reuben Brincat jekk din il-polza fil-fatt thalsitx o meno u dana nonostante li kien jaf li l-istess Brincat kien intermedjarju tieghu u kif ukoll li kien jaghmel xi xoghol

ghall-konvenuta. Anzi jghid li dan Brincat kien impjegat tas-socjeta` attrici bhala sales person u li l-konvenuta kienet wahda mill-klijenti tieghu. Jafferma wkoll dan l-istess xhud, li l-firem li jidhru fuq Dok. A u Dok. B huma dawk ta` certa Rose Frendo, mpjegata ohra tas-socjeta` attrici.

Barra minnhekk, Joseph Tonna li jigi r-ragel tal-konvenuta kkonferma bil-gurament li l-polza in kwistjoni fil-fatt kienet thallset minnu billi bhas-soltu ghadda l-flus lil certu Reuben Brincat, impjegat tas-socjeta` attrici. Apparti minnhekk, jafferma wkoll li huwa qatt ma kien jinghata credit minghand is-socjeta` attrici.

Reuben Brincat jikkonferma li l-familja Tonna kien jaqdihom hu stess meta kien impjegat mas-socjeta` attrici. Kien imur l-ufficcju ta` Tonna, kien jaghtih id-dokumenti tar-renewals u jithallas taghhom. Sa fejn jiftakar dan ix-xhud, is-Sur Tonna dejjem kien hallsu tal-poloz li johroglu. Fil-fatt bil-gurament tieghu dan ix-xhud jafferma b'mod kategoriku li huwa ma kienx johrog minn idejh poloz ta` assikurazzjoni jekk il-klijent ma jhallsux taghhom.

Illi fid-dawl tal-provi migbura nkluz mid-dokumenti ezebiti, dan it-Tribunal ma ghandu ebda dubbju li l-polza in kwistjoni fil-fatt kienet thallset mir-ragel tal-konvenuta lil Reuben Brincat, dak iz-zmien impjegat tas-socjeta` attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jakkolji l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta, kwindi jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------